MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 860/1997/1

**Medserv Limited**

**vs**

**Alpha Oil Services & Trading Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' April 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 6,795.33) arretrati ta'

skadenzi ta’ kera tal-ufficcju lokat f’Medserv Base u servizzi ohra presentati.

Illi s-socjeta` konvenuta *nonostante* li giet interpellata ufficjalment biex thallas, baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skont it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ sitt elef seba’ mija u hamsa u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm6,795.33) arretrati ta’ kera ghall-ufficcju mikri f’Medserv Base u servizzi ohra presentati.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 1996 kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u zewg dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Frank G Camilleri ghas-seduta tad-9 ta’ Mejju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 4 ta’ Gunju 1997 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi s-socjeta` konvenuta kienet tikri ufficcju minghand is-socjeta` attrici, u dan b’ kuntratt tat-3 ta’ Marzu 1993, liema kuntratt skada fit-3 ta’ Marzu 1994, (Dok “PP 1”).

Illi wara li skada dan il-kuntratt is-socjeta` konvenuta baqghet tuza dan l-ufficcju u tuzufruwixxi mis-servizzi tas-socjeta` attrici, ghal liema uzu kienet thallas, u s-socjeta` attrici kienet accettat dan il-hlas.

Illi fil-31 ta’ Dicembru 1995 is-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm9,586.40, ammont rapprezentanti kera, hlas ghas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici, *cash advances* u imghax fuq l-istess.

Illi bi ftehim tas-27 ta’ Marzu 1996, korrispondenza dwar liema ftehim hi anness u mmarkata Dok “PP 2”, il-partijiet fthemu li s-socjeta` konvenuta kellha taghmel tajjeb ghall-bilanc pendenti sal-31 ta’ Dicembru 1995 billi thallas is-somma ta’ hames mitt lira fix-xahar. Fl-istess hin, is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li thallas *invoices* godda fi zmien tletin jum mill-ircevuta tal-istess *invoice*.

Illi s-socjeta` konvenuta qieghda tonora dan l-istess ftehim billi qieghda thallas il-pagamenti kif miftiehem.

Illi ghalhekk il-kawza odjerna saret intempestivament u s-socjeta` attrici ma kellhiex raguni li tahseb li ma kinetx sejra tithallas.

Illi fi kwalunkwe kaz il-bilanc vantat mis-socjeta` attrici m’ huwiex korrett u fil-31 ta’ Dicembru 1996 kien effettivament ta’ Lm4,773.17, u dan kif jidher tajjeb mill-annessi dokumenti.

Illi s-socjeta` attrici hi nnifisha debitrici tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk is-socjeta` konvenuta qieghda tipprezenta kontro-talba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta a fol. 15 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tas-socjeta` Alpha Oil Services and Trading Limited datata 4 ta’ Gunju 1997 a fol 16 tal-process fejn gie premess:-

Billi s-socjeta` attrici telqet ghand is-socjeta` konvenuta kaxxa ingombranti proprjeta` taghha li s-socjeta` konvenuta tirrifjuta li taccetta.

Illi s-socjeta` konvenuta dahlet fi spejjez necessarji sabiex ma ssirx hsara lil din il-kaxxa ngombranti proprjeta` tas-socjeta` attrici, liema spejjez saru interament ghall-benificcju tas-socjeta` attrici u li jammontaw ghal madwar disa' mitt Lira Maltija (Lm900).

Illi s-socjeta` attrici hija responsabbli ghad-danni kawzati lis-socjeta` konvenuta meta s-socjeta` attrici approfittat ruhha mir-relazzjoni konfidenzjali li kellha mal-istess socjeta` konvenuta billi kkomunikat ma' klijenti tas-socjeta` konvenuta bl-iskop li ttellef in-negozju tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi bl-agir abbuziv taghha s-socjeta` attrici kkawzat diversi danni lis-socjeta` konvenuta, inkluzi telfien ta' xoghol u spejjez incidentali mal-istess, liema danni jammontaw ghal madwar Lm25,000.

Illi s-socjeta` attrici approfittat ruhha mill-istess relazzjoni konfidenzjali meta ghamlet u zammet kopja ta' korrispondenza maghmula minn u/jew lis-socjeta` konvenuta liema korrispondenza kienet tghaddi mill-ufficcju tas-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta talbet ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta abbuzat mir-relazzjoni konfidenzjali li kellha mas-socjeta` konvenuta billi avvicinat il-klijenti tas-socjeta` konvenuta bl-iskop li ttellef xoghol lill-istess socjeta` konvenuta u billi zammet kopji tal-korrispondenza tas-socjeta` konvenuta minghajr il-kunsens taghha.

2. Tillikwida d-danni kawzali lis-socjeta` konvenuta bil-ksur ta' 'l fuq imsemmija relazzjoni konfidenzjali u cioe`, f' telfien ta' negozju u spejjez incidentali.

3. Tikkundanna s-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta dawn id-danni kif likwidati.

4. Tiddikjara li l-kaxxa ingombranti li s-socjeta` attrici halliet ghand is-socjeta` konvenuta kif fuq inghad hi proprjeta` tal-istess socjeta` attrici.

5. Tillikwida l-ispejjez inkorsi mis-socjeta` konvenuta fl-istivar u spejjez ohra necessarji tal-imsemmija kaxxa ngombranti liema stivar sar interament ghall-benificcju tas-socjeta` attrici.

6. Tikkundanna s-socjeta` attrici tirritorna lis-socjeta` konvenuta dawk il-kopji tal-korrispondenza u dokumenti ohra li qieghda zzomm minghajr il-kunsens tas-socjeta` konvenuta kif fuq inghad.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta a fol 17 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 20 sa 33 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta datata 17 ta' Gunju 1992 a fol 35 tal-process fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-kaxxa kienet proprjeta` tal-istess socjeta` konvenuta li giet ritornata lilha u *di piu`* lanqas ma hija veritiera l-allegazzjoni illi gie kommess abbuz ta' konfidenzjalita` da parti tas-socjeta` eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess socjeta` attrici rikonvenzjonata a fol 35 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Frank G Camilleri mid-9 ta' April 1997 sat-12 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tas-seduta mimuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta mit-13 ta' Ottubru 2000 sat-23 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita biex jigu konkluzi l-

provi minn Qorti diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noe Cuschieri ghall-4 ta’ Dicembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri mill-4 ta’ Dicembru 2002 sal-11 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-24 ta’ Jannar 2006 ghall-provi tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma qudiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` attrici, li rtira kopja tan-nota datata 11 ta’ Marzu 2008 u ddikjara li xtaq jaghmel kontro-ezami dwar l-istess. Il-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta wahda ghall-kontro-ezami relattiv, fil-mori tad-differiment. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-29 ta’ Jannar 2009.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 19 ta’ April 2010 a fol 389 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-5 ta’ Ottubru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jacqueline Borg ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti nnotat li n-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta baqghet ma saritx. Il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta bi tletin (30) gurnata millum, b’ kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2011; u l-verbal tas-27 ta’ Jannar 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Alpha Oil Services Limited datata 6 ta’ ta’ Ottubru 2010 a fol 401 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi fil-kawza taghha istitwita fit-18 ta' April 1997 li ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont ta' €15,828.86 (Lm6,795.330) rappresentanti arretrati ta' skadenzi ta' kera tal-ufficju lokat fil-bazi tal-Medserv f'Manoel Island u servizzi ohra relatati. Is-socjeta' konvenuta eccepiet intempestivita' tal-azzjoni peress li sostniet li sal-31 ta' Dicembru 1995 hija kellha taghti lill-attrici l-ammont ta' Lm9,586 ghall-kera, hlas ta' servizzi lilha resi, u imghax fuq l-istess, li dwaru sar ftehim datat 27 ta' Marzu 1996 li l-hlas isir Lm500 fix-xahar, waqt li *invoices* godda jithallsu fi zmien 30 gurnata mid-data tar-ricevuta tal-*invoice*; li l-bilanc fil-31 ta' Dicembru 1996 kien ta' Lm4,773.17; waqt li s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta ghall-kawzali li hija ressqet b'kontro-talba.

Illi fl-istess kontro-talba sostniet li minhabba li s-socjeta' attrici halliet ghandha kaxxa ngombranti hija kellha tinkorri circa Lm900 sabiex ma ssirx hsara lill-istess kaxxa, u li hija sofriet madwar Lm25,000 f'danni meta s-socjeta' attrici approfittat ruhha mir-relazzjoni ta' konfidenzjalita' li kellha maghha meta kkomunikat mal-klijenti taghha u dan billi zammet ghandha korrispondenza konfidenzjali li uzat sabiex itellfilha x-xoghol u allura talbet li jigi (1) iddikjarat li s-socjeta' attrici abbuzat mir-relazzjoni konfidenzjali taghha sabiex ittellfilha x-xoghol u billi zammet kopji ta' korrispondenza taghha; (2) tillikwida d-danni hekk kagunati; (3) tikkundanna lill-attrici thallasha dawn id-danni; (4) tiddikjara li l-kaxxa ngombranti hekk mhollija hija proprjeta' tas-socjeta' attrici; (5) tillikwida l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' konvenuta fl-istivar tal-istess kaxxa u spejjez ohra necessarji; (6) tikkundanna lis-socjeta' attrici tirritorna lis-socjeta' konvenuta il-kopji ta' korrispondenza li qeghda zzomm minghajr il-kunsens taghha.

Illi s-socjeta’ attrici cahdet li tali kaxxa kienet taghha izda tas-socjeta’ konvenuta, tant li b’ittra tal-14 ta’ Novembru 1996 kienet qalet li ma kinitx ser thallas pagamenti jekk hija ma tirciviex lura l-assi taghha wara li spiccat il-kirja; is-socjeta’ attrici kienet interpellat lis-socjeta’ konvenuta sabiex tiehu konsenja tal-kaxxa; u cahdet li kien hemm abbuz ta’ konfidenzjalita’ da parte taghha.

Illi dwar it-talba tas-socjeta’ attrici jirrizulta li hija fit-3 ta’ Marzu 1993 kienet kriet lis-socjeta’ konvenuta ufficcju u li kellha tforni servizzi konnessi fil-bazi *duty free* tal-Medserv f’Manoel Island. Jidher li s-socjeta’ konvenuta kienet lura fil-pagamenti u sar suggeriment minn Paul Pisani, anke permezz ta’ ittri datati 12 ta’ Frar u 26 ta’ Marzu 1996, sabiex tali ammont jithallas permezz ta’ Lm500 fix-xahar, u jidher li s-socjeta’ attrici accettat din il-proposta; jirrizulta wkoll li fis-6 ta’ Ottubru 1996 is-socjeta’ konvenuta tramite Paul Pisani kienet informat lis-socjeta’ attrici li hija kienet behsiebha ggorr l-operat taghha mill-Medserv ghal post iehor, izda talbet li zzomm l-ufficju b’kera ridotta, liema talbiet ma gewx accettati mis-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ attrici interpellat lis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Dicembru 2006 ghall-hlas tal-ammont sa dak in-nhar dovut, izda sar biss pagament wiehed f’Jannar 2007, u ghalhekk f’April 2007 saret din il-kawza.

Illi in sostenn ta’ dawn l-allegazzjonijiet attrici jirrizulta li kien iffirmat ftehim ta’ lokazzjoni datat 3 ta’ Marzu 1993 (Dok. “PP1”) verso l-kera hemm pattwita, liema kera kellha tithallas bis-sitt xhur bil-quddiem, u liema ftehim kien jinkludi ukoll provizjoni ta’ servizzi hemm indikati (fol. 21 sa 26). Is-socjeta’ konvenuta pproponiet fis-26 ta’ Marzu 1996 (Dok. “PP 2” – fol. 27) li thallas l-ammont dovut sa Dicembru 1995 permezz ta’ pagamenti mensili ta’ Lm500 il-wiehed, u hlas ghal servizzi godda jithallsu fi zmien 30 gurnata tar-ricevuta tal-*invoice.* Is-socjeta’ attrici accettat din il-proposta permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Marzu 1996 (Dok. “PP 3” – fol. 28) b’dan li l-pagamenti rateali jsiru b’effett minn Marzu 1996, u li kellu jakkumula

imghax fuq is-somma dovuta ta’ 8% kif indikat f’paragrafu (i) tal-istess korrispondenza.

Illi meta saret il-kawza jirrizulta li l-ammont dovut kien dak mitlub fic-citazzjoni attrici u dan jinsab ikkorroborat mill-affidavit ta’ Godwin Catania datat 23 ta’ Marzu 1998 (fol. 43) u mir-rendikont minnu esebit a fol. 54 *et sequitur* tal-process u dak redatt fis-16 ta’ April 1997 (fol. 7 tal-process). Jidher li saret kontestazzjoni dwar l-ammonti dovuti lis-socjeta’ attrici kif jidher mill-affidavit ta’ Paul Pisani datat 14 ta’ Jannar 1999 (Dok. “PP 4”), izda fl-opinjoni tal-Qorti dan ma giex sostanzjat. Fuq kollox jinghad li jidher li fil-kawza l-istess socjeta’ konvenuta qed tikkontendi li ma hallsitx l-istess ammont peress li hija kellha tiehu ammonti ta’ danni minghand is-socjeta’ attrici, liema danni jifformaw fil-fatt il-mertu tal-kontro-talba, izda jinghad li fuq kollox li fil-mument meta kellu jsir il-hlas tal-kreditu tas-socjeta’ attrici, l-pretensjoni tas-socjeta’ konvenuta lanqas biss qatt issemiet, u fi kwalunkwe kaz din dejjem giet kontestata mis-socjeta’ attrici, b’hekk li l-ammont li llum qed tippretendi s-socjeta’ konvenuta kien allura kontestat, u certament ma kienx likwidu u dovut u allura t-tpacija lanqas setghet issehh.

Illi apparti dan, tqajjmet l-eccezzjoni ta’ l-intempestivita’ peress li inghad li kien hemm proprju dan il-ftehim li tali hlas tal-kreditu tas-socjeta’ attrici kellu jsir permezz ta’ pagamenti ta’ Lm500 fix-xahar oltre l-hlas ta’ servizzi ohra mid-dati ndikati. Izda jirrizulta li ovvjament illum din hija kwistjoni sorpassata ghaliex ghaddew cirka 14 -il sena u allura z-zmien sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas ir-rati ghadda zgur u f’dan iz-zmien kollu kieku l-istess socjeta’ konvenuta hallset meta kellha thallas il-pagamenti mensili, l-kreditu kollu tas-socjeta’ attrici kien ilu li gie sodisfatt. Dan japplika bhala fatt apparti l-kuncett ta’ *jus superveniens* **(“Marianna Cini pro et nomine vs Paolo Galea et”** – A.C. 27 ta’ Ottubru 1958.). Ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dwar il-kontro-talba attrici jinghad li jidher li fil-verita’ l-pagamenti waqfu f’Jannar 1997 kif ammess fl-istess affidavit ghaliex gie sostnut li s-socjeta’ konvenuta

bezghet li ma kinitx ser tithallas minghand is-socjeta' attrici ghad-danni li din kienet allegatament ikkawzatilha u dan ghaliex skont hija kienet zammet korrispendenza indirizzata lilha, u uzata sabiex tikkomunika ma' klijenti tas-socjeta' konvenuta, u uzatahom sabiex tiehu servizzi hija bi pregudizzju ghaliha; kaz in kwistjoni huwa allegat li kien fejn is-socjeta' konvenuta kellha kuntratt ta' tahrig mas-socjeta' estera Saipem ta' Gunju 1996, liema kuntratt gie allegatament sospiz wara li s-socjeta' attrici allegatament ikkomunikat mas-socjeta' estera, li saret taf biha proprju minhabba l-korrispondenza li zammet tas-socjeta' konvenuta bil-mod kif allegat fl-imsemmi affidavit ta' Paul Pisani (fol. 67/68). Dan wassal sabiex s-socjeta' konvenuta tallega li sofriet danni kawza tat-twaqqif tal-istess kuntratt.

Illi dwar il-kaxxa is-socjeta' konvenuta tghid li din ma kinitx taghha, izda biss *exhibit* ta' klijent taghha, li hija talbet lis-socjeta' attrici sabiex taghtihielha lura, izda din baqghet inadempjenti ghaliex inghad li tali kaxxa ma kinitx instabet; meta gara dan l-klijenti tas-socjeta' konvenuta Wm. B. Morrison irreklamaw il-valur tal-istess kaxxa minghand is-socjeta' konvenuta li baghtet il-kont sabiex jithallas mis-socjeta' attrici ta' Lm1,393.80 skont ittra tas-socjeta' konvenuta datata 30 ta' Novembru 1996 (fol. 75), izda din qalet li kienet sabhet il-kaxxa skont ittra datata 5 ta' Dicembru 1996 (fol. 80), izda skont is-socjeta' konvenuta, hija ma kinitx disposta tiehu konsenja tal-istess peress li skont hija s-socjeta' estera ma riditx izjed l-istess *exhibit* ghaliex kienet hallset sabiex issotitwietu, izda s-socjeta' attrici tefghet din il-kaxxa fil-partijiet komuni tal-appartamenti tal-ufficju gdid tas-socjeta' konvenuta u din tnehhiet minn hemm u nzammet mahzuna f'post ghaliha b'dan li s-socjeta' konvenuta qed tippretendi li s-socjeta' attrici ghandha thallas l-ispejjez tal-magazinagg taghha (ara korrispondenza bejn il-partijiet inkluzi dawk a fol. 92 sa 94 tal-process).

Illi din il-kaxxa hija l-mertu tat-tielet, ir-raba u l-hames talba fil-kontro-talba u din il-Qorti thoss li tali talbiet ma jistghux jintlaqghu peress li jirrizulta manifestament car mill-korrispondenza kollha u x-xhieda ta' Paul Pisani

rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, u ta' Godwin Catania ghas-socjeta' attrici li din il-kaxxa qatt ma kienet proprjeta' tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' konvenuta dwar l-istess ma jistghux ireggu. Jirrizulta wkoll li tali kaxxa lanqas kellha sinjali ta' identifikazzjoni u giet ritornata lis-socjeta' konvenuta meta attwalment instabet. B'hekk dawn it-tlett talbiet fil-kontro-talba tas-soccjeta' konvenuta qed jigu michuda.

Illi dwar it-talbiet l-ohra fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta jirrizulta li s-socjeta' konvenuta qed tallega li s-socjeta' attrici abbuzat mill-kuncett ta' konfidenzjalita' u dan billi allegatament ikkomunikat mal-klijenti taghha u zammet dokumenti tas-socjeta' konvenuta sabiex timmina l-interessi tas-socjeta' taghha, u b'rizultat ta' dan hija kkawzat danni lis-socjeta' konvenuta b'telf ta' profitti minhabba thassir ta' kuntratti. F'dan il-kuntest issemma l-kuntratt li s-socjeta' konvenuta kellha mas-socjeta' estera Saipam AG. Izda lanqas din l-allegazzjoni ma giet ippruvata u dan peress li s-socjeta' attrici jidher li kellha relazzjoni mal-imsemmija socjeta' estera gja mis-sena 1988 u dan kif jidher mis-*service agreement* datat 8 ta' Lulju 1988 (Dok. "E" – fol. 108) u minn korrispondenza ohra annessa mal-affidavit ta' Godwin Catania datat 13 ta' Frar 2001 u dokumenti ohra annessi (Dok. "D").

Illi jirrizulta wkoll li qam disgwid bejn is-socjetajiet odjerni dwar xi korsijiet li kienu jinzammu f'bini maghruf bhala MECOPS fil-Medserv li jidher li s-socjeta' konvenuta kienet qed tghid li huwa taghha, u kif saret taf b'dan is-socjeta' attrici *tramite* Mario Degiorgio infurmat lis-socjeta' estera li din il-facilita' fil-fatt kienet taghha. Ma jirrizultax lanqas li s-socjeta' attrici uzat xi nformazzjoni li hija kellha b'mod konfidenzjali, izda l-informazzjoni li kellha kienet provduta lilha mis-socjeta' estera stess ma` min hija kellha relazzjoni. Fid-dawl ta' dan ukoll ma jistax jinghad li s-*sea survival courses* li kienet torganizza s-socjeta' konvenuta ghall-Saipem kienu gew imwaqqfa mis-socjeta' estera minhabba xi agir tas-socjeta' attrici, izda jidher li tali korsijiet twaqqfu fuq kollox ghaliex ma kinux rikonoxxuti mill-United Kingdom Offshore Petroleum Training Organisation (OPITO) u dan jirreferi ghall-korsijiet kondotti

miz-zewg socjetajiet partijiet f'din il-kawza. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Mario Degiorgio nkluza dik moghtija b'affidavit datat 20 ta' Gunju 2001 u dik moghtija *viva voce* quddiem il-Qorti fil-15 ta' Mejju 2007 (inkluzi id-dokumenti a fol. 167 u 168 tal-process) (fol. 328 sa fol. 350).

Illi dwar din il-vantazzjoni din il-Qorti thoss li s-socjeta' konvenuta ma ppruvatx l-allegazzjonijiet taghha l-ewwel u fuq kollox ghaliex ma hemmx prova sodisfacenti li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed taghmel il-korsijiet imsemmija ghas-socjeta' Saipem u dan peress li kull ma gie pprezentat kient biss abbozz ta' ftehim mhux iffirmat.

Illi fit-tieni lok jinghad li jirrizulta mix-xhieda ta' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Paul Pisani li huwa allega li skont nota datata 18 ta' Gunju 1996 huwa kien informat minn Saipem li s-socjeta' attrici kienet ilmentat li hija kienet qed taghmel korsijiet maghha, izda dan l-ilment ma tqajjimx mis-socjeta' konvenuta mas-socjeta' attrici minkejja li fit-2 ta' Ottubru 1996 hija bdiet iggorr l-operat taghha ghal post iehor, u dan kif sewwa indikat is-socjeta' attrici f'paragrafu 15 tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha (fol. 394).

Illi fl-ahharnett jinghad ukoll li anke dwar l-ammont ta' danni li s-socjeta' konvenuta qed tippretendi mill-istess socjeta' ma hija konsistenti, u dan ghaliex fil-kontro-talba ssemmi l-ammont ta' Lm25,000 (fol. 16), fl-affidavit ta' Paul Pisani datat 15 ta' Jannar 1999 tissema s-somma ta' US$80,000 (fol. 68), u fl-affidavit tieghu tat-30 ta' Ottubru 2007 (fol. 371) tissemma c-cifra ta' LM83,925. Dan irendi fl-ahjar ipotesi t-tezi tas-socjeta' konvenuta inverosimili, u fid-dawl tal-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li tali allegazzjonijiet u pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma gewx ippruvati u ghalhekk qed tichad it-talbiet l-ohra kollha tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta'

konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hmistax il-elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€15,828.86) (ekwivalenti ghal Lm6,795.330) rappresentanti arretrati ta' kera ghall-Ufficju mikri f'Medserv Base u servizzi ohra prestati.

Bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 1996 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha tal-kawza attrici inkluz tal-ittra ufficjali msemmija kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba** tas-socjeta' konvenuta, din il-Qorti ghall-istess motivi, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess kontro-talba, **tichad il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta datata 4 ta' Gunju 1997** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------